21999D0178

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 178/1999

tas-17 ta' Diċembru 1999

li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 171/1999 tas-26 ta' Novembru 1999 ([1]);

(2) D-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/48/KE tal-21 ta' Mejju 1999 li taddatta għat-tieni darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 42b (Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE) ta' l-Anness XIII għall-Ftehim:

"– **399 L 0048**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/48/KE tal-21 ta' Mejju 1999 (ĠU L 169, tal-5.7.1999, p. 58)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/48/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Diċembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

N. v. LIECHTENSTEIN

([1]) ĠU L 61, tal-1.3.2001, p. 30.
([2]) ĠU L 169, tal-5.7.1999, p. 58.